Għana tal-Fatt dwar ir-Reġjun Port: konkors għal kitba ta’ fatti ġodda biex jitgħannew waqt Festgħana 2026

L-għana tal-fatt hu wieħed mill-eqdem forom ta’ espressjoni orali fil-kultura Maltija. Permezz tiegħu, l-għannej iwassal il-ħsieb, l-għerf u l-fatti tal-ħajja ta’ kuljum b’mod maħsub sew, akkumpanjat mill-kitarra.

Ir-Reġjun Port, bil-ġrajjiet storiċi tiegħu, ix-xogħol tal-baħar, il-komunitajiet tal-madwar u l-importanza tiegħu għall-gżira, jagħti materjal rikk u xieraq għall-għana tal-fatt. Dan il-konkors għandu l-għan li jħares, iħeġġeġ u jgħaddi ’l quddiem din it-tradizzjoni ħajja lill-ġenerazzjonijiet tal-lum u ta’ għada. Il-fatt rebbieħ jitgħanna waqt l-edizzjoni tal-2026 ta’ Festgħana li ssir fil-Ġonna tal-Argotti l-Furjana bejn il-21 u l-24 ta’ Mejju.

Regolamenti

1. **In-Natura tal-Għana**
    - Il-kitba trid tkun **għana tal-fatt skont it-tradizzjoni Maltija**, u xejn aktar
    - Ma jkunux aċċettati kanzunetti, lirika miktuba minn qabel, jew kitba ta’ stil modern li ma timxix mal-metru tradizzjonali tal-għana tal-fatt
2. **Fuq is-Suġġett**
    - Il-fatt irid jittratta **fatti veri u magħrufa** (anke jekk forsi m’għandhom magħrufa daqstant) dwar ir-Reġjun Port jew li seħħew inkella jorbtu b’mod direttma’ tal-anqas lokalità waħda fir-reġjun, kif stabbilit uffiċjalment fir-Reġjun Port. Suġġerimenti ta’ temi jinkludu:
        - il-port u l-iżvilupp tiegħu
        - il-ħaddiema u s-snajja marbuta miegħu
        - il-lokalitajiet madwar ir-Reġjun Port
        - nies magħrufa li twieldu, għexu, jew mietu fir-reġjun
        - ġrajjiet storiċi u soċjali marbuta mar-reġjun
3. **Fuq il-Lingwa**
    - L-għana jrid isir **bil-Malti**, b’lingwa naturali u mexxejja, kif jitlob l-għana tal-fatt
    - Il-kliem għandu jkun mifhum u mħaddem b’mod xieraq
    - <u>Fuq il-Forma u Tul</u>
        - Il-fatt jista’ jkun **għal għannej wieħed jew għal żewġ għannejja**, skont il-bżonn
        - Il-fatt għandu jkun ta’ **tul moderat**, biex b’hekk ma jkunx hemm bżonn jitqassar meta jiġi eżegwit fil-pubbliku
        - L-organizzaturi jistgħu jitolbu li l-fatt rebbieħ jitqassar jew jittawwal wara l-konkors
        - Bħala linja ta’ gwida: il-fatt m’għandux ikun iqsar minn 20 vers u mhux itwal minn 80 vers. (Għall-iskop ta’ disambigwità, f’dan il-kuntest it-terminu “vers” ifisser l-istess bħal “stanza” jew “strofa” jew “kwartina”, jiġifieri kull vers fih 4 linji maħduma bil-vers ta’ tmien sillabi, li jalternaw b’sebgħa.)
4. **Fuq l-Oriġinalità**

- Il-kitba trid tkun **oriġinali**, u mhux minn test li deher band' oħra qabel l-edizzjoni attwali ta' Festgħana
- Għandu jintwera għarfien tal-istil u l-ispirtu tal-għana Malti

5. **Fuq il-Ġurija**
   - Il-ġurija tqis:
     - il-verità u l-korretezza tal-fatti
     - il-ħila fit-tħaddim tal-lingwa
     - ir-rispett lejn it-tradizzjoni f'kuntest kontemporanju.
6. **Regolamenti oħra**
   - Il-konkors huwa **miftuh għal kulħadd** ħlief impjegati tar-Reġjun Port jew ta' Festivals Malta (inkluż l-organizzaturi ta' Festgħana 2026).
   - Kunsilliera u impjegati tal-Kunsilli Lokali fir-Reġjun Port jistgħu jieħdu sehem.
   - Min jikteb il-fatt **m'għandux għalfejn ikun għannej**
   - Kliem offensiv jew attakki personali jwasslu għal **diskwalifika**
   - Id-deċiżjoni tal-ġurija tkun **finali u ma tistax tiġi kkontestata**
   - **Id-drittijiet tal-awtur tal-fatt huma riżervati mill-awturi**, iżda jingħata dritt perpetwu lil Festivals Malta fuq il-fatti kollha li jipparteċaw fil-konkors biex jitgħannew minn għannejja magħżula mill-organizzaturi ta' Festgħana, b'attribuzzjoni xierqa lill-awturi; simili għal liċenzja ta' CC BY
   - Il-fatt rebbieħ jista' jitgħanna minn min kitbu jew minn xi għannej/ja li jagħżlu l-organizzaturi ta' Festgħana 2026
   - Il-fatti li huma sottomessi b'mod elettroniku għandom ikunu sottomessi bħala dokument .docx (Word), b'tipa ta' 14 -il punt u bl-użu ta' tipa sewda
7. **Dati**
   - Il-konkors jiftaħ fit-12 ta' Jannar 2026. Is-sottomissjonijiet tal-fatti onlajn jintlaqgħu sas-6 ta' Marzu 2026 - l-fatti jintlaqgħu sal-11 ta' Marzu 2026, filwaqt li applikazzjonijiet mhux sottomessi permezz tas-sit elettroniku jintlaqgħu bejn l-4 u s- 6 ta' Marzu 2026 bejn it-8 ta' filgħodu u s-sagħtejn ta' waranofsinhar fl-Uffiċini ta' Festivals Malta fil-Furjana.
   - Ir-riżultati jitħabbru mhux aktar tard mill-ewwel ġimgħa ta' Mejju.